**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 316/2019 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**
**vs**
**Stefan Deguara**

**Illum 27 ta' Gunju, 2019**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Stefan Deguara, detentur tal-karta tal-identita' 87675M;

Billi akkuzat talli nhar l-24 ta' Jannar, 2019, ghall-habta tas-6:40 ta' fil-ghaxija gewwa residenza numru 104, sitwata gewwa Triq Guze' Ellul Mercer, Had-Dingli:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, permezz ta' arma irregolari, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahhar ta' ommu Giorgina Deguara, li hija persuna li ghalqet l-eta' ta' sittin sena, u cioe' kkagunalha griehi ta' natura hafifa hekk skond ma gie cceritfikat minn Dr. Sephora Santucci M.D. (Reg. No: 4291) mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, u kif ukoll fix-xhur ta' qabel, ikkaguna lil haddiehor, u cioe' lil ommu Giorgina Deguara l-biza' li ser tintuza

vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra l-persuni jew l-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti jew ahwa subien jew bniet;

3. U aktar talli kkometta reat waqt il-perjodu operattiv ta' Ordni ta' Probation, li giet imposta fuqu permezz ta' sentenza li giet moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.) fit-23 ta' Frar, 2017, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara l kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

F'kaz ta' htija, il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-ahharnett, il-Qorti giet gentilment mitluba tikkunsidra sabiex f'kaz ta' htija, tohrog Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-akkuzat Stefan Deguara ai termini tal-Artikollu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront tal-imputat fis-seduta datata tas-27 ta' Gunju, 2019.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', ic-certifikat tat-twelid tal-imputat, il-fedina penali aggornata tal-imputat, il-kunsens moghti mill-Avukat Generali biex din il-Qorti titratta l-kawza bi procedura sommarja, *current incident report*, certifikat mediku rilaxxjat lil Georgina Deguara, dikjarazzjoni ta' rifjut ghal jedd tal-parir legali, stqarrija.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kif dedotta kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk irid, jista' jerga' lura minnha u fil-fatt huwa rega' tenna l-istess ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti rat li l-Ufficjal Prosekutur irtira t-tielet imputazzjoni.

Illi dwar il-piena ghar-rigward l-akkuzi, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-ammissjoni bikrija, cara u inekwivoka maghmula mill-imputat u li ghalhekk din il-Qorti ma kelliex ghalfejn tahli izjed hin sabiex tigbor il-provi.

**Decide:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 49, 50, 64(2), 202(h), 214, 221(1), 221(1)(a), 222A, 251B, 382A, 383, 384, 385 u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat Stefan Deguara hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu, u b'applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li l-imputat jitqieghed taht Ordni ta' *Probation* ghal perjodu ta' zmien tliet snin mil-lum bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-Ordni ta' *Probation* hawn anness, u li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.**

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul dan il-perjodu ta' *probation* jew jekk jonqos illi jsegwi xi wahda mill-ordnijiet stipulati fl-Ordni ta' *Probation* u l-hati wera li jrid ihares il-kondizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' *Probation*.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation*.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**

**Magistrat**

**Nadia Ciappara**

**Deputat Registratur**